**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' JANNAR, 2022**

**Kawża Numru: 3**

**Rik. Ġur 311/2021 RGM**

**Automated Revenue Management Services Limited**
**(C 46054)**

**vs.**

**Emanuel Balzan**

**(I.D. 552877M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd.** ippreżentat fit-8 t'April, 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-intimat kien impjegat mas-soċjeta' attriċi bħala executive, u kien jieħu ħsieb *reconciliation* ta' ħlas ta' kontijiet;

2. Illi l-intimat iffaċja proċeduri kriminali u li ġew finalment deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Marzu 2020 per Onor Imħallef Giovanni M Grixti (kopja Dok A), li kkonfermat il-ħtija in relazzjoni mal-akkuża li l-intimat fi Frar 2013 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

*a. minghajr awtorizzazzjoni*

*i. uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkupja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk; kif ukoll*

*ii. gharraq it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi data; kif ukoll*

*iii. installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja, jew zied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg, meta tali reat jikkonstitwixxi att li b'xi mod kien ta' hsara ghal xi funzjoni jew attività tal-Gvern, jew tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilità pubblici, kif wkoll meta tali reat sar f'post minn impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu;*

*b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, tal-Water Services Corporation, ta' l-Enemalta Corporation, u ta' l-ARMS Limited, u dan in konnessjoni ma' zewg pagamenti;*

*c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn*

*mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju;*

*d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraq tali flejjes tal-Gvern u oggetti ohra.*

*U b'hekk sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula;*

3. Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat is-sejbien tal-ħtija tal-Ewwel Qorti u senjatament il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li permezz tas-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju, 2016 li biha, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 31, 41(1)(a), 293, 294, 337C(1)(a)(g) u 337F(3)(a) tal-Kap IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni [fl-artikolu 337C(1)(a) u (g) igifieri [fl-artikolu 337C(1)(a) u (g) igifieri kif inghad, kif ukoll tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, ikkundannatu ghal tmintax –il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal tlett (3) snin mill-jum tas-sentenza filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut u kif ukoll astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tal-oggetti esebiti billi ma jirrizultawx li kienu esebiti oggetti konfiskabbli skond il-ligi;

4. Illi permezz ta' ittra datata 27 ta' Marzu 2013 (kopja annessa u immarkata dok B) is-soċjeta' esponenti issospendiet lill-intimat b'half pay u

dan ai termini tal-collective agreement viġenti (kopja annesa u immarkata dok C);

5. Illi in segwitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-esponenti, dejjem a tenur tal-collective agreement viġenti, irritjeniet illi allura l-impjieg tiegħu ġie terminat b'mod retrospettiv mid-data tas-sospensjoni;

6. Illi għaldaqtsant isegwi illi l-esponenti għandha dritt titlob rifużjoni tal-ammonti imħallsa lill-intimat tul iż-żmien li huwa kien sospiż;

7. Illi l-esponenti bagħtet ittra nhar it-13 ta' Marzu 2020 (kopja annessa u immarkata Dok D) u ittra uffiċjali ppreżentata nhar il-15 ta' Ġunju 2020 (kopja annessa u immarkata Dok E) u li permezz tagħhom talbet ir-rifużjoni tal-ħlasijiet imwettqa lill-intimat tul id-durata tat-terminazzjoni;

8. Illi tul iż-żmien tas-sospensjoni, l-esponenti wettqet il-ħlas ta' sitta u sebghin elf, seba' mija u disgha u tletin Ewro (Eur 76,739) *gross*, li minnhom thallset is-somma ta' tmint elef, erba' mija u tlieta u erbghin Ewro (€8,443) in linea ta' taxxa u sigurta' socjali. Ghalhekk, jirrizulta li l-esponenti wettqet il-hlas ta' *net* lill-intimat fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mitejn u sitta u disghin Ewro (€68,296) u dan kif jirriżulta mill-payslips annessi (annessi u kollettivament immarkati bħala Dok F);

9. Illi l-intimat baqa' jirrifjuta li jirrifondi dawn l-ammonti u għaldaqstant kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant jgħid l-intimat għalfejn, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja, dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-impjieg tal-intimat mas-soċjeta' attriċi għandu, in konsegwenza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Marzu 2020 fl-ismijiet Il-Pulizija (Supt. Ian J. Abdilla) v. Emmanuel Balzan, jitqies bħala terminat b'mod retroattiv mis-27 ta' Marzu 2013;

2. Tiddikjara konsegwentement li l-intimat għandu jirrifondi lill-esponenti il-ħlasijiet imwettqa minnha lilu mis-27 ta' Marzu 2013 u senjatament pagament fl-ammont ta' tmienja u sittin elf, mitejn u sitta u disghin Ewro (€68,296);

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti tali somma hekk likwidata, jew kwalsiasi somma verjuri li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ġunju 2020, u bl-imgħaxijiet legali mit-2 ta' Marzu 2020 kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Emanuel Balzan** ippreżentata fl-4 ta' Ġunju, 2021 fejn jingħad kif ġej:

1. In linea preliminari n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u dana peress illi l-ewwel talba fil-kawza ghal dikjarazzjoni dwar data ta' terminazzjoni ta' impieg ghandha tigi ssindikata u deciza mit-Tribunal Industrijali u mhux mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif qed titlob is-socjeta` rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet premessi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni ta' kompetenza, l-ewwel talba ghandha tigi michuda u dana minhabba li sentenza fil-kamp penali ma jista' qatt ikollha konsegwenzi retroattivi kif qed tippretendi erronjament is-socjeta` rikorrenti. Illi li kieku ghas-sahha tal-argument f'pessima ipotesi kellha tigi milqugha l-ewwel talba tal-atturi, allura jkun qed jigi lez lill-esponenti d-dritt tal-preseunzjoni tal-innocenza liema dritt jigi terminat hekk kif ikun hemm sejbien ta' htija u mhux qabel kif qed jintalab;

3. Illi fl-eventwalita` li tigi milqugha t-tieni eccezzjoni u dana minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, per konsegwenza t-tieni u t-tielet talba ghandhom jigu michuda;

4. Illi minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub fit-tieni talba fil-kawza mhux dovut fil-fatt;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi fl-ewwel seduta miżmuma fil-15 ta' Ġunju 2021 ġie degretat li in vista li l-ewwel eċċezzjoni tirrigwarda l-kompetenza *ratione materiae* tal-Qorti, kien indikat illi l-Qorti għandha l-ewwel u qabel kollox tiddeċiedi dik l-eċċezzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni u l-kaw/a tħalliet għas-sentenza dwar l-istess.

Ikkunsidrat;

**Fatti Anteċedenti l-Kawża.**

Il-konvenut kien impjegat mas-soċjeta Automated Revenue Management Services Ltd (minn issa 'l quddiem imsejħa ARMS) bħala *executive* u kien jieħu ħsieb *reconciliation* ta' ħlas ta' kontijiet.

Fis-sena 2013 tressaq il-Qorti u ġie akkużat li fi Frar 2013 u fix-xhur u snin ta' qabel filwaqt li kien impjegat tal-ARMS (a) mingħajr awtorizzazzjoni (i) huwa għamel użu ta' komputer jew tagħmir ieħor biex jidħol f'xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżamm f'dak l-apparat jew apparati oħra, jew

użu, u kkopja jew immodifika kull data, *software* jew dokumentazzjoni, (ii) għarraq it-tħaddim ta' xi sistemi, *software* jew l-integrità jew affidabilità ta' xi data, u (iii) installa, neħħa, biddel, ikkanċella jew zied ma' xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ, meta tali reat jikkostitwixxi att li b'xi mod kien ta' ħsara għal xi funzjoni jew attivita tal-Gvern, jew tellef, għarraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-għoti ta' servizz jew utilita pubbliċi, kif ukoll meta tali reat sar f'post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu; kif ukoll (b) għamel profit għalih jew terzi fis-somma ta' aktar minn €232.94 imma inqas inn €2,329.37.

Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Marzu 2020 kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju 2016 li permezz tagħha huwa kien instab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu; ġie kkundannat tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin.

Lura fis-27 ta' Marzu 2013 il-konvenut kien ġie arrestat in konnessjoni mal-fatti mertu tal-kawża penali ċitata u b'ittra tal-istess jum tas-27 ta' Marzu 2013, il-konvenut ġie informat mis-soċjeta' attriċi li kienet timpjegah, li kien ġie sospiż mix-xogħol b'nofs is-salarju.

Wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq imsemmija, b'ittra legali tat-13 ta' Marzu 2020 il-konvenut ġie informat mis-soċjeta' attriċi li huwa ġie terminat mill-impjieg in segwietu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u dan b'effett mis-27 ta' Marzu 2013. Fl-istess ittra ġie interpellat jirrifondi l-paga rappreżentanti nofs is-salarju li tħallas mid-data tas-sospensjoni mix-xogħol sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

B'ittra uffiċċjali tal-15 ta' Ġunju 2020 is-soċjeta attriċi reġgħet interpellat lill-konvenut sabiex jirrifondi l-ħlasijiet lilu magħmula. Il-konvenut baqa' inadempjenti u kien għalhekk li s-soċjeta ARMS resqet din il-kawża.

Il-konvenut min-naħa tiegħu beda billi eċċepixxa eċċezzjoni ta' natura preliminari u ċioe li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza *ratione materiae* sabiex tisma' dan il-każ.

In vista tan-natura tal-eċċezzjoni, jeħtieġ li qabel ma tikkonsidra l-mertu din il-Qorti għandha l-ewwel tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat;

**L-Ewwel Eċċezzjoni – Inkompetenza Rationae Materiae.**

Huwa ben saput li l-kompetenza ta' Qorti jew Tribunal tiġi determinata skont il-premessi u t-talbiet li jsegwu. F'dan is-sens il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-24 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **L-E.T. Giovanni Umberto De Vito noe vs Alfred Dimech** (Rik Ġur 749/2015) fejn ingħad li

> "Huwa pacifikament accertat illi l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur, kif intavolati t-talbiet u l-premessi taghhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha. (Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et (Appell – 7 ta` Ottubru 1997)." [1]

Huwa għalhekk fid-dawl tat-talbiet tas-soċjeta attriċi li din il-Qorti għandha teżamina l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut. Fil-każ odjern il-bazi tal-azzjoni hija r-rifużjoni ta' salarju mħallas lill-konvenut sakemm kien sospiż mix-xogħol.

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut taqra hekk:

[1] Ara **Joseph Bugeja et vs Alfred Camilleri** (App Ċiv 1379/2000), deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-6 ta Ottubru 2004.

> "In linea preliminari n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u dana peress illi l-ewwel talba fil-kawza ghal dikjarazzjoni dwar data ta' terminazzjoni ta' impieg ghandha tigi ssindikata u deciza mit-Tribunal Industrijali u mhux mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif qed titlob is-socjeta` rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet premessi;"

Il-konvenut spjega fit-trattazzjoni finali li in vista tal-ewwel talba, huwa t-Tribunal Industrijali li għandu l-kompetenza jisma' l-każ. Qal ukoll "illi din il-Qorti a priori m'ghandhiex tissindika dak li jghid il-ftehim kollettiv fuq kwistjoni ta' terminazzjoni ta' impjieg. Ahna qed nikkontendu li l-mument li anke l-Qorti tibda tissindika x'jghid il-ftehim kollettiv, il-Qorti tkun qed tidhol fil-mansjoni tal-gurisdizzjoni illi ghandha u hija vestita taht l-att illi jirregola l-kwistjonijiet industrijali."[2]

X'inhu dak li sewwasew qed titlob is-soċjeta' attrici?

Qed titlob lill-Qorti tiddikjara illi l-impieg tal-konvenut għandu "jitqies bħala terminat b'mod retroattiv mis-27 ta' Marzu 2013".

Il-konvenut isejjes l-eċċezzjoni tiegħu wkoll fuq il-kontestazzjoni li huwa t-Tribunal Industrijali biss li jista' jiddeċiedi meta ġie terminat l-impjieg tiegħu.

**Artikolu 75(1) tal-Kapitolu 452** jelenka ċ-ċirkostanzi u l-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tat-Tribunal Industrijali.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -
> (a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;
> (b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal

[2] Paġna 53 tal-proċess.

wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u

(ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att."

***(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;***

Huwa aktar milli evidenti li l-ewwel sub-inċiż m'huwiex applikabbli stante li fil-kawża odjerna l-impjegat m'huwiex jikkontesta li t-terminazzjoni mill-impjieg tiegħu sar b'mod inġust. L-impjegat f'din l-azzjoni huwa l-konvenut. Ħareġ waqt it-trattazzjoni li Balzan, wara li ġie informat mis-soċjeta attriċi li l-impjieg tiegħu ġie terminat, ma ħa l-ebda azzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jikkontesta l-istess terminazzjoni.

***(b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt;***

It-tieni sub-inċiż jagħmel referenza għall-Artikolu 36 (11) u (12). Dawn jaqraw hekk:

"(11) Prinċipal li jittermina kuntratt ta' impjieg ta' impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.

(12) Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem:

Iżda f'dan is-subartikolu u fis-subartikoli (8), (9), (10) u (11), ir-riferenzi għal "paga kollha" u "paga" għandhom ifissru l-paga li titħallas lil persuna impjegata minn jew f'isem il-prinċipal, esklużi kull rimunerazzjoni għal sahra, kull forma ta' *bonus*, kull *allowance*, u rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus u kummissjonijiet."

Dan is-sub inċiż ukoll mhux applikabbli stante li hawnekk m'huwiex jiġi trattat terminazzjoni ta' kuntratt ta' servizz li kellu żmien definit, iżda rifużjoni tal-paga mħallsa lill-konvenut wara li nstab ħati ta' reati konnessi mal-impjieg tiegħu stess u dan wara li jiġi meqjus li l-impjieg tal-konvenut ġie terminat b'mod retroattiv.

***(ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,***

Skont dan is-sub inċiż it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni biss fir-rigward ta' każijiet "li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I" u kwindi dawk id-dispożizzjonijiet fit-Titolu 1 li speċifikatament jindikaw li lmenti jew kwistjonijiet marbuta magħhom għandhom jiġu ventilati esklussivament quddiem it-Tribunal Industrijali.

In tema legali l-Qorti tirreferi għas-sentenza **Karmenu Vella vs. General Workers' Union** (App Ċiv 774/2009) deċiża mill-Prim'Awla fit-30 ta'

Settembru 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-11 ta' Novembru 2011 fejn ġie ritenut li

"Kif diga` kellha okkazjoni din il-Qorti kif presjeduta tesprimi ruhha fis-sentenza in parte li tat fil-31 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Grima vs M H Malta Limited**", mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn esami tas-seba` taqsimiet tat-Titolu I. Propju ghaliex fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan ghamiltu car u tond. Per ezempju, fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa` taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni, kif tghid il-ligi stess. Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta b`deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b`mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.

[...]

Kif diga` rrilevat qabel, din il-Qorti tghid li din id-disposizzjoni inkitbet b`dak il-mod, mhux b`kumbinazzjoni, izda ghal ghan specifiku u cioe` sabiex taghti gurisdizzjoni esklusiva lit-Tribunal Industrijali f`dawk il-kazi li jaghmlu parti mit-Titolu I jew ir-regolamenti preskritti tahtu u li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Kif diga` rajna, fejn fit-Titolu I, il-ligi riedet li jidhol it-Tribunal Industrijali, hekk qalet specifikament. Li kieku l-legislatur ried tassew li l-kazijiet kollha li jirrigwardaw kull wiehed mit-tmienja u erbghin (48) artikoli li jaghmlu t-Titolu I jigi kunsidrat u

deciz b`mod eskluziv mit-Tribunal Industrijali, kien jirreferi mill-ewwel u biss ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu I (inkluz ir-regolamenti) u mhux jispecifika il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I jew ta` regolamenti preskritti"

Il-protezzjoni tal-pagi tal-ħaddiema hija regolata minn Taqsima III tal-Ewwel Titolu.[3] Rilevanti għall-każ odjern huma l-Artikoli 15 (tnaqqis mill-paga) u 19 (multi). Il-Qorti tosserva li ebda wieħed minn dawn l-artikoli ma jiddisponi li t-Tribunal Industrijali għandu l-ġurisduzzjoni esklussiva sabiex jiddeċiedi dwar rifużjoni ta' salarju mħallas waqt is-sospensjoni mix-xogħol pendenti proċeduri kriminali. Ingħad fis-sentenza suċċitata li "*In kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuta fejn din tittratta dwar it-Taqsima III, din il-Qorti ssostni li l-ligi mhix tispecifika li d-disposizzjonijiet tat-Taqsima III jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali.*"[4]

L-ebda artikolu taħt Titolu I ma jittratta terminazzjoni ta' impjieg b'mod retroattiv. Ifisser għalhekk li m'hemm l-ebda artikolu li jagħti l-ġurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal speċjali sabiex jiġi deċiż li l-impieg tal-konvenut ġie terminat b'mod retroattiv u għalhekk il-ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi dwar din it-talba hija tal-qrati ordinarji. Din il-Qorti tqis ukoll li tista' takkolji jew tiċħad l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi mingħajr ma jiġi determinat jekk it-terminazzjoni kinitx gustifikata jew le. Dan in vista tal-fatt li l-kwistjoni mertu tal-kawża m'hijiex jekk it-terminazzjoni tal-konvenut kinitx inġusta jew le iżda biss il-jum li fih għandu jiġi kkunsidrat li ġie fi tmiemu l-impieg tal-konvenut minn mas-soċjeta' attriċi.

In konklużżjoni, l-Qorti hija tal-fehma li s-setgħa tal-Qorti hekk imsejħa "ordinarja" li tisma' kawża mressqa quddiemha ma hiex mogħtija lil awtorita'

[3] Rigwardanti liema Qorti għandha kompetenza dwar ħlas ta' paga allegatament dovuta lill-impjegat ara **Dr. Abdalla Mohamed Kablan vs. Scheduit Ltd** (Rik Ġur 1099/2017) deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju 2018. Ara wkoll **Joseph Avellino vs. Citadel Insurance plc** (App Ċiv 737/2012) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-12 ta' Lulju 2019.

[4] Ara wkoll B**rian Schembri vs. National Orchestra Ltd** (Rik Ġur 915/2017) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-27 ta' Marzu 2018.

ġudizzjara oħra sakemm ma jirriżultax li dik is-setgħa ġiet delegata b'mod espress permezz ta' provvediment tal-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut billi tiċħadha u tiddikjara li għandha l-kompetenza *ratione materiae* sabiex tisma' l-azzjoni intavolata mis-soċjeta attriċi.

Spejjeż ta' din is-sentenza *in parte* a karigu tal-konvenut.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
27 ta' Jannar 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**